

Paġna ewlenija>L-impatt tal-virus COVID-19 fuq il-qasam tal-ġustizzja>Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza Impatt tal-COVID-19 fuq materji ċivili u ta' insolvenza

Polonja

1 Impatt tal-Covid-19 fuq proċedimenti ċivili

1.1 It-termini fi proċedimenti ċivili

Il-leġiżlazzjoni speċjali Pollakka tipprovdi, fost affarijiet oħra, għas-sospensjoni, jekk ma jkunux għadhom bdew, u l-posponiment, jekk ikunu bdew, ta' dawn li ġejjin:

il-perjodi ta' preskrizzjoni tal-infurzar tas-sentenzi,

it-termini fi proċedimenti u għal azzjonijiet tal-qorti fi proċedimenti legali, inkluż fi proċedimenti ta' infurzar.

1.2 L-organizzazzjoni ġudizzjarja u l-Ġudikatura

Ġew adottati miżuri speċifiċi biex itaffu l-konsegwenzi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19.

Iddaħħlet il-possibbiltà ta' **trasferiment ta' każijiet** bejn il-qorti Pollakki (minn awtorità ġudizzjarja u għal perjodu definit f'każijiet urġenti kif definit mill-leġiżlazzjoni speċjali dwar il-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija COVID-19 fuq is-sistema ġudizzjarja Pollakka).

Il-kategorija ta' każijiet urġenti hija ddefinita kif ġej:

1. Proċedimenti li jikkonċernaw lill-minorenni inklużi:

- proċedimenti għat-tneħħija ta' minorenni mill-awtorità jew mill-kustodja tal-ġenituri;
- proċedimenti li jikkonċernaw il-kollokament ta' minorenni barrani f'istituzzjoni ta' kura u edukazzjoni;
- proċedimenti għall-istabbiliment ta' tutor li jirrappreżenta l-interessi tal-minorenni fi proċedimenti ġudizzjarji;
- proċedimenti dwar il-kollokament jew l-estensjoni ta' residenza tal-minuri f'post ta' protezzjoni għall-minuri;
- proċedimenti ta' infurzar li jinvolvu minorenni.

2. Il-proċedimenti li jirrigwardaw persuni morda mentalment u inabilitati

Il-president ta' kull qorti Pollakka kompetenti jista' jordna li kwalunkwe każ jiġi kkunsidrat urġenti meta jekk ma tittiħidx deċiżjoni: - jista' jinħoloq periklu għall-ħajja jew għas-saħħa ta' bnedmin jew ta' animalali;

jista' jinħoloq dannu serju lill-interess pubbliku;

jista' jinħoloq dannu materjali imminenti u irreparabbli;

u meta deċiżjoni urġenti dwar tali każ tkun meħtieġa mill-interessi tal-ġustizzja.

It-trasferiment ta' mħallfin lejn qorti oħra ġie ssimplifikat. Id-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward jittieħdu mill-awtoritajiet ġudizzjarji, skont il-prinċipju tal-indipendenza tal-imħallfin u għal perjodu ta' żmien definit minn qabel. Dawn il-proċeduri jipprovdu appoġġ lill-qorti li jkollhom volum ta' każijiet akbar.

Is-sospensjoni u l-posponiment tal-proċedimenti tal-qorti huma wkoll possibbli f'ċerti każijiet.

1.3 Il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tal-UE

L-impjegati tal-Ministeru tal-Ġustizzja li jaħdmu fl-awtorità ċentrali qegħdin jagħmlu telexogħol.

Il-komunikazzjoni kollha lill-Ministeru tal-Ġustizzja Pollakk bħala l-Awtorità Ċentrali (inkluż in-notifika tad-dokumenti u l-kumpilazzjoni tax-xhieda), jew lill-punti ta' kuntatt Pollakki tan-NĠE trid tintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi bid-dokumenti meħtieġa mehmuża fil-forma ta' kopji skannjati.

2 Miżuri relatati mal-insolvenza adottati jew ippanati li jiġu adottati fl-Istati Membri wara t-tifqigħa tal-pandemija

2.1 Miżuri sostantivi ta' insolvenza u kuntratti relatati li jaffettwaw il-miżura

2.1.1 Sospensjoni tal-insolvenza

2.1.1.1 Sospensjoni tad-dmir li wieħed japplika għall-insolvenza (debituri)

Mit-18 ta' April 2020 id-dmir li debitor jippreżenta rikors għall-insolvenza (jekk l-insolvenza tkun ikkawżata direttament mill-COVID-19) ġie sospiż għall-perjodu sfiħ tar-riskju pandemiku.

2.1.1.2 Protezzjoni tad-debituri dwar applikazzjoni għall-insolvenza mill-kredituri

-

2.1.2 Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' talba u sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt

2.1.2.1 Moratoria ġenerali / speċifiċi fuq l-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet / l-eżekuzzjoni ta' ċerta tipi ta' pretensjonijiet

-

2.1.2.2 Sospensjoni tat-terminazzjoni ta' kuntratt (kuntratti ġenerali / speċifiċi)

-

2.2 Ċivili, inkluż is-sospensjoni tal-qorti tal-insolvenza u s-sospensjonijiet proċedurali

Il-kawżi ta' insolvenza ġew ikklassifikati bħala "kawżi urġenti" mis-16 ta' Mejju 2020 sal-5 ta' Settembru 2020.

Ma kien hemm l-ebda sospensjoni ġenerali tal-qorti tal-insolvenza għalkemm ħafna seduti tħassru.

Is-seduti jsiru online sakemm il-preżenza personali ma tkunx ta' periklu eċċezzjonali għall-parteċipanti.

2.3 Miżuri oħra ta' insolvenza (dawk relatati mal-azzjonijiet revokatorji, pjani ta' rijorganizzazzjoni, ftehimiet informali u oħrajn jekk ikun xieraq)

Il-proċeduri ta' ristrutturar li jinsabu fil-Liġi dwar ir-Ristrutturar fihom soluzzjonijiet li jiżnu l-interessi kemm tad-debitor kif ukoll tal-kredituri tiegħu u jservu minn naħa sabiex tinżamm l-eżistenza tad-debitor u min-naħa l-oħra biex il-kredituri jiġu ssodisfati bl-aktar mod effettiv possibbli. Għalhekk dawn ma għandhomx, b'definizzjoni, jitqiesu bħala ta' dannu għad-debituri.

Fl-24 ta' Ġunju 2020 daħlet fis-seħħ proċedura ġdida ta' ristrutturar (proċedura ta' ristrutturar simplifikata). Din tippermetti lid-debituri jibdwu proċess ta' ristrutturar mingħajr approvazzjoni tal-qorti sabiex jieħdu azzjoni rapida u effiċjenti meta jkun hemm il-probabbiltà ta' insolvenza. Il-ftuħ ta' din il-proċedura jikkawża waqfien ġenerali fuq l-eżekuzzjoni tal-pretensjonijiet.

2.4 Miżuri relatati mhux ta' insolvenza (differimenti tal-pagamenti, self mill-banek, sigurtà soċjali, assigurazzjoni tas-saħħa, sussidji lin-negozji)

Fl-ambitu ta' "tarka kontra l-kriżi" l-ġdida, l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata lill-intraprenditur f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli (riskju ta' insolvenza) li jissodisfa l-kriterji ta' intraprenditur mhedd b'insolvenza (l-Artikolu 141, it-Taqsima 2 tal-Liġi dwar ir-Ristrutturar) jew li jkun insolventi (l-Artikolu 11 tal-Liġi dwar il-Fallimenti) li jissodisfa wkoll kriterji oħra

Għall-perjodu kollu ta' riskju pandemiku, il-possibbiltà ta' żgumbrament ta' persuna fiżika minn abitazzjoni hija eskluża.

L-aħħar aġġornament: 26/10/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.